MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 629/2011

Gasan Enterprises Limited (C-467).

Vs

Conrad Galea.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba mija u disgha u tmenin Ewro u tlettin centezmu (€3,489.30) minghand il-konvenut, rapprezentanti hmistax (15) il-kambjala li gew iffirmati mill-konvenut u li skadew fil-25 ta' Marzu 2010, fil-25 ta' April 2010, fil-25 ta' Mejju 2010, fil-25 ta' Gunju 2010, fil-25 ta' Lulju 2010, fil-25 ta' Awissu 2010, fil-25 ta' Settembru 2010, fil-25 ta' Ottubru 2010, fil-25 ta' Novembru 2010, fil-25 ta' Dicembru 2010, fil-25 ta' Jannar 2011, fil-25 ta' Frar 2011, fil-25 ta' Marzu 2011, fil-25 ta' April 2011, u fil-25 ta' Mejju 2011 izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li huwa gie interpellat diversi drabi. Bl-

ispejjes u l-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza ta’ kull kambjala kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett elef, erba mija u disgha u tmenin Ewro u tlettin centezmu (€3,489.30), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------